**16 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Patrick Vella B.A., LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law)**

Il-Pulizija

*versus*

Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri

## Esperti *ex parte* - Kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati - Serq - Riċettazzjoni - Dritt ta' Appell ta' l-Avukat Ġenerali

*Il-posizzjoni dwar il-materja li jkunu jiffurmaw parti mill-Korp tal-Pulizija hija li dak li ġie deċiż li huwa null u ma għandux valur probatorju għandu jittieħed li kien hekk* ab initio, *u mhux li sar hekk wara d-deċiżjonijiet f'kawżi ta' natura kostituzzjonali.*

*Huwa prinċipju ormai aċċettat li sakemm l-inkarigu espletat minn tali espert ikun biss kwistjoni ta' kostatazzjoni ta' stat ta' fatt, ir-rapport tagħhom f'dak is-sens huwa ammissibbli, bħala prova valida. Huma l-opinjonijiet u l-konklużjonijiet komparattivi tagħhom li m'għandhomx valur probatorju.*

*Galadarba l-posizzjoni hija li rapporti ta' dawn l-esperti, li jikkontjenu opinjonijiet u riżultanzi ta' xi eżamijiet minnhom magħmula, huma nulli u bla ebda effett probatorju, tagħmel sens li Qorti, anke minn jeddha, minkejja li ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dawn l-esperti mid-difiża, tiddeċidi billi tiskarta għal kollox tali opinjonijiet u rapporti.*

*Idealment is-sitwazzjoni għandha tkun li, fejn huwa possibbli, provi kjarament inammissibbli għandhom jiġu ddikjarati hekk fil-mument opportun u allura sfilzati jew mwarrba mal-ewwel. B'danakollu, xejn ma jżomm Qorti li proprju fl-aħħar tal-proċeduri, meta tiġi sabiex tasal għall-konklużjonijiet, u deċiżjoni tagħha, tiddikjara hi, sua sponte, xi provi, li materjalment ikunu fl-atti, bħala nulli u bla ebda valur probatorju.*

*Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tista' ssib ħtija f'reat mhux dedott fl-akkuża, sakemm dak ir-reat ikun inqas mir-reat prinċipali u sakemm tassew dan ir-reat sekondarju effettivament ikun kompriż u involut fir-reat prinċipali.*

*Ir-reat tas-serq huwa għal kollox differenti mir-reat ta' riċettazzjoni. Biżżejjed wieħed iħares lejn l-elementi kostituttivi ta' dawn iż-żewġ reati sabiex jara mal-ewwel id-differenza bejniethom. Per eżempju, l-element intenzjonali fiż-żewġ reati huwa għal kollox differenti. F'każ ta' serq, l-oġġett li jinsteraq jista' jkollu oriġini jew provenjenza leġittima, bħal ma ġeneralment ikollu, u l-ħalliel jieħu dak l-oġġett mingħand sidu mingħajr il-permess tiegħu, bl-intenzjoni li jagħmel xi forma ta' gwadann. Fir-riċettazzjoni, l-element intenzjonali jirrikjedi li r-riċettatur ikun jaf, jew miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ikun missu raġonevolment ikun jaf, li l-oġġett li qed jakkwista ġej minn provenjenza kriminuża.*

*Jiġifieri x-xjenza tal-malvivent fiż-żewġ reati hija għal kollox differenti.*

*Fil-passat kien hemm ġurisprudenza lokali li kienet tikkunsidra r-reat ta' riċettazzjoni bħala reat minuri kompriż u involut fis-serq. Iżda din il-ġurisprudenza inqalbet u ġie rrikonoxxut li r-riċettazzjoni huwa reat awtonomu mis-serq.*

*L-Avukat Ġenerali ma għandux dritt ta' appell meta s-sentenza appellata tkun ibbażata fuq apprezzament ta' fatt.*

*L-artikolu 413 (1) (b) (iv) (i) tal-Kodiċi Kriminali jagħti dritt ta' appell lill-Avukat Ġenerali meta l-Maġistrat li jkun iddeċida l-kawża fl-ewwel istanza jkun iddikjara illi fil-fatt ma kienx hemm l-elementi kostituttivi tar-reat addebitat lill-imputat, iżda din il-kelma "fatt" għandha tiftiehem bħala l-fatt kif miġjub fl-imputazzjoni apparti l-provi, u mhux il-fatti kif jirriżultaw mill-provi.*

*Taħt din id-disposizzjoni huwa anke permess l-appell meta, għad li l-Maġistrat ikun daħal fil-fatti, però, meta jkun ġie biex japplika għalihom id-disposizzjoni tal-liġi, hu jinterpretaha ħażin, għaliex f'każ simili jkun hemm ukoll kwistjoni tal-liġi.*

*Is-sempliċi applikazzjoni tal-liġi għall-fatt ma tammontax għal punt ta' dritt. Kieku kien diversament, kull sentenza kienet tkun appellabbli għaliex f'kull sentenza bilfors hemm u ssir applikazzjoni tal-liġi. L-artikolu 413 (1) (b) (iv) (i) ma għandux jiġi żnaturat b'mod illi malli f'sentenza tissemma l-liġi, allura jitqies li hemm lok għall-appell fuq punt ta' dritt, imma għandu jiġi korrettement miżmum fil-limiti ġusti tiegħu.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Nazzareno Zarb u

Melchior Spiteri li permezz tagħha huma ġew akkużati talli bejn id-9 u t-12 ta' Novembru, 1990, ikkommettew serq ta' flus u oġġetti oħra li l-valur tagħhom jiskorri l-Lm10,000 mill-fabbrika Imperial Products Limited, li tinsab fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, u dan għad-dannu ta' l-imsemmija kumpannija, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddatata 7 ta' Mejju, 1998, li biha ma sabitx lill-akkużati ħatja ta' l-akkuża dedotta kontra tagħhom u għalhekk illiberathom minnha;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ddatat 15 ta' Mejju, 1998, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u wara li tiddikjara u ssib ħtija fl-appellati skond l-akkuża ta' serq, jew alternattivament, dik tar-riċettazzjoni f'min minnhom, tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali għar-rigward l-appellat **Melchior Spiteri**, konsistenti fis-segwenti, u ċjoè, illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx, *sua sponte*, u mingħajr ebda oġġezzjoni da parti tad-difiża, tiddikjara inammissibbli u mingħajr valur probatorju il-kostatazzjonijiet u konklużjonijiet, fattwali u xort'oħra, milħuqha mill-esperti nnominati fl-Inkjesta Maġisterjali u kkonfermati minnha waqt dawn il-proċeduri;

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali għar-rigward l-appellat **Nazzareno Zarb**, konsistenti fis-segwenti, u ċjoè, illi (a) għalkemm l-Ewwel Qorti daħlet fl-apprezzament tal-fatti, fil-fatt hi għamlet enunċjazzjoni ħażina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi, fis-sens li l-ipotesi tal-liġi mhix kompleta u hija skorretta; (b) illi minimament, l-Ewwel Qorti kellha ssib ħtija f'dan l-appellat Zarb fir-reati ta' riċettazzjoni, li għalkemm hija akkuża u reat differenit għal kollox minn dak ta' serq,

b'danakollu, dan ir-reat għandu affinità intrinsika mar-reat ta' serq, u għalhekk, l-Ewwel Qorti kellha tidħol fl-elementi ta' dan ir-reat; (ċ) illi dwar il-valur probatorju ta' xhieda ta' kompliċi, l-Ewwel Qorti jidher ukoll li hawnhekk għamlet enunċjazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ser tibda billi tittratta fl-ewwel lok l-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali fil-konfront ta' l-appellat Melchio Spiteri. Fil-fatt l-appellant Avukat Ġenerali ressaq aggravju wieħed biss fil-konfront ta' dan l-appellat;

Skond l-appellant, l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet, mingħajr qatt ma ġiet issollevata ebda oġġezzjoni mill-appellat tul il-kors ta' dawn il-proċeduri quddiemha, tiddeċidi minn jeddha billi tiskarta l-kostatzzjonijiet u konklużjonijiet li kienu waslu għalihom esperti nnominati fl-Inkjesta Maġisterjali relattiva għal dan il-każ u li kienu ġew anke kkonfermati minnha waqt dawn l-istess proċeduri. L-argument ta' l-appellant huwa bbażat fuq dak li kien ġie ddikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Joseph Abela *vs* Onor. Prim Ministru *et***, deċiża fis-7 ta' Diċembru, 1990, fejn intqal li jekk persuna imputata trid toġġezzjona għal xi espert, dan għandha tagħmlu fl-ewwel okkażjoni li jkollha u mhux tħalli ż-żmien jgħaddi u meta jidhrilha toġġezzjona. Skond l-appellant, din il-posizzjoni kienet ikkonfermata mill-istess Qorti Kostituzzjonali f'sentenza oħra tagħha, mogħtija fil-31 ta' Lulju, 1996 in re **Il-Pulizija *vs* Joseph Harrington *et***, fejn ġie ritenut li una volta

imputat ma kienx oġġezzjona u allura kien tilef id-dritt li jopponi iktar tard, il-Qorti tal-Maġistrati ma kellha l-ebda dritt minn rajha tiskarta l-konklużjonijiet tal-periti li kienet innominat hi stess. A bażi ta' din id-dikjarazzjoni, l-appellant qed jgħid li stante li fil-proċeduri odjerni, qatt ma kien hemm xi oġġezzjoni da parti ta' l-imputat Melchior Spiteri għan-nomina ta' esperti tal-marki tas-swaba, innominati fl-Inkjest Maġisterjali dwar dan il-każ, u sussegwentement ikkonfermati f'dan l-inkarigu tagħhom u oħrajn simili anke nnominati, mill-Qorti Istruttorja li kienu ilkoll membri tal-Korp tal-Pulizija, allura r-rapporti u konklużjonijiet ta' dawn l-esperti kellhom jiġu aċċettati mill-Ewwel Qorti bħala prova ammissibbli skond il-liġi. L-appellant ma jaqbilx mad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti li, minn jeddha, meta ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni ta' l-imputat għan-nomina u rapporti ta' dawn l-esperti, qabdet u skartat l-opinjonijiet ta' dawn l-esperti u ddikjarathom li ma kellhom l-ebda valur probatorju. Fil-fatt l-Ewwel Qorti għamlet proprju dan fis-sentenza tagħha li qed tiġi appellata mill-Avukat Ġenerali;

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni ta' l-appellant. Kif ġie deċiż riċentement u preċiżament, mill-Qorti Kostituzzjonali, Sede Appell, fir-rikors numru 625/97, fl-ismijiet **John Saliba vs Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija**, deċiż fis-6 ta' Lulju, 1998, il-posizzjoni dwar din il-materja ta' esperti li jkunu ukoll jiffurmaw parti mill-Korp tal-Pulizija, u allura huma impjegati mal-Kummissarju tal-Pulizija, li f'ismu issir il-prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, hija li dak li ġie deċiż li huwa null u ma għandux valur probatorju għandu jittieħed li dejjem kien hekk, *ab initio*, u mhux sar hekk biss minn wara dawn id-deċiżjonijiet f'kawżi ta' natura kostituzzjonali. Dan ġie deċiż hekk l-għaliex tali esperti qatt ma jistgħu jkunu esperti indipendenti u imparzjali. Huwa prinċipju orami aċċettat illum għalhekk li sakemm l-inkarigu espletat minn tali esperti jkun biss kwistjoni ta' kostatazzjoni ta' stat ta'

fatt, ir-rapport tagħhom f'dak is-sens huwa ammissibbli bħala prova valida. Huma l-opinjonijiet u konklużjonijiet komparattivi tagħhom li ma għandhomx valur probatorju. Issa, ġaladarba l-posizzjoni hija li rapporti ta' esperti simili, li jikkontjenu opinjonijiet u riżultanzi ta' xi eżamijiet minnhom magħmula, ġew iddikjarati nulli u bla ebda effett probatorju, tagħmel sens li Qorti, anke minn jeddha, minkejja li ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dawn l-esperti mid-difiża, tiddeċidi billi tiskarta għal kollox tali opinjonijiet u rapporti. Bħala prova nulla u mhux ammissibbli kull Qorti għandha l-jedd *ex officio* li twarrab dik il-prova, kif ukoll kull dokument u xhieda realttivi għal dik il-prova nulla. U dan bir-raġun, għaliex altrimenti jista' jiġri li proċediment jintela' b'tip ta' provi, li kjarament huma inammissibbli, *u l-Qorti ma tkunx tista' tiskartahom jekk ma* jkunx hemm oġġezzjoni għalihom minn xi parti. Jekk tiġi aċċettata tali sitwazzjoni, ċjoè fejn il-Qorti ma tkunx tista', minn jedda, tiskarta prova kjarament inammissibbli u nulla, jekk qabel ma jkunx hemm oġġezzjoni għaliha min-naħa ta' xi parti, din tkun tista' tagħti lok għall-abbuż għaliex tista' tinqala' sitwazzjoni fejn tali prova tkun favur xi parti fil-proċediment u għalhekk ma jkunx jaqblilha li toġġezzjona għal dik il-prova. Ċertament tali sitwazzjoni tkun kontra r-retta amminsitrazzjoni tal-ġustizzja u kull prinċipju fondamentali ta' *fair trial*. Il-Qorti qiegħda hemm biex hi ukoll tirregola l-provi li jinġiebu u li fuqhom trid tasal għall-konklużjonijiet tagħha, u xejn ma jżommha li tiddeċidi li tiskarta kull prova li hi tara li hi *manifestament nulla u mhux ammissibbli. Fi ftit kliem, fil-*fehma ta' din il-Qorti, ma hemm assolutament xejn ħażin li l-Qorti, meta tiġi sabiex tiddelibera u tagħti s-sentenza tagħha, tiddeċidi li twarrab provi li jkunu fl-atti li, iżda, huma manifestament inammissibbli u bla valur probatorju, u li hi, għalhekk, ma tistax tistrieħ fuqhom, anke jekk fl-ebda stadju tal-proċeduri ma tkun saret xi oġġezzjoni għalihom minn xi parti, partikolarment mid-difiża. Jekk ma tagħmilx hekk, tkun l-istess Qorti li qed tikkrea inġustizzja, idealment is-sitwazzjoni

għandha tkun li, fejn huwa possibbli, provi kjarament inammissibbli għandhom jiġu ddikjarati hekk fil-mument opportun u allura sfilzati jew imwarrba mal-ewwel. B'danakollu, xejn ma jżomm Qorti li proprju fl-aħħar tal-proċeduri, meta tiġi sabiex tasal għall-konklużjonijiet u deċiżjoni tagħha, tiddikjara hi, sua sponte, xi provi, li materjalment ikunu fl-atti, bħala nulli u bla ebda valur probatorju meta dan huwa manifestament ċar, in bażi ta' sentenzi riċenti ta' natura kostituzzjonali, bħalma proprju ġara fil-każ odjern. F'dan il-każ, jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati, meta ġiet għas-sentenza tagħha, dehrilha li, apparti konsiderazzjonijiet oħra, kellha tagħti piż lis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali li kienu għadhom kif ġew mogħtija xi ftit taż-żmien qabel li kienu affermaw l-irregolarità u l-anti-kostituzzjonalità ta' nomini ta' esperti fi proċeduri penali minn fost membri tal-Korp tal-Pulizija. Bħala riżultat ta' dan, dik il-Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-istess rapporti peritali ma kellhom jingħataw l-ebda valur probatorju minnha. Fil-fatt fl-appell Kostituzzjonali msemmi ta' John Saliba, il-Qorti qalet hekk testwalment: "Din il-Qorti, mingħajr l-iċken eżitazzjoni, tafferma li mhux biss fil-fehma tagħha l-Qorti tal-Maġistrati m'għamlitx ħażin meta, motu proprju, tat il-benefiċċju tal-ġurisprudenza msemmija lill-imputat, iżda għamlet dak li, fil-fehma ta' din il-Qorti, wieħed kien jistenna minnha fl-aħjar tradizzjoni tal-prinċipji salutari applikati fis-sistema tagħna. Jiġifieri, din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dak li ddeċidiet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali meta kkritikat il-Qorti tal-Maġistrati talli ħadet l-inizjattiva li tapplika l-ġurisprudenza msemmija". Din l-inizjattiva meħuda mill-Qorti tal-Maġistrati, anke fil-każ odjern, għalhekk, ma tfissirx ħaġ'oħra ħlief li dik il-Qorti ta' Prima Istanza kienet qed tirrikonoxxi li l-imputat Melchior Spiteri ma setax jiġi mċaħħad mill-benefiċċju tal-ġurisprudenza li kienet ittieħdet riċentement, li żvelat l-inkongruwenza u l-anti-kostituzzjonalità tas-sistema kif kienet qabel. Kif kompliet tgħid l-istess Qorti Kostituzzjonali fl-appell

ta' John Saliba: "Taħt ebda ċirkostanza ma jista' jiġi raġonevolment ritenut li l-imputat wera xi nonkuranza u nuqqas ta' viġilanza għad-drittijiet fondamentali tiegħu, li għalihom hemm referenza fis-sentenza ċċitata mill-appellant Avukat Ġenerali in re ***Joseph Abela vs Onor. Prim Ministru***, *li fuqha* hu bbażat ir-rikors tiegħu. Taħt ebda ċirkostanza ma jista' qatt imputat jiġi punit l-għaliex ma għamilx użu mir-rimedju li *jirrikuża l-esperti". Li kieku kellu jiġi aċċettat l-aggravju ta' l-*appellant Avukat Ġenerali u din il-Qorti tgħaddi sabiex ma taqbilx ma' dak li l-Ewwel Qorti għamlet meta minn jeddha skartat l-opinjonijiet ta' l-esperti membri tal-Korp tal-Pulizija, u li, allura, in bażi tal-konklużjonijiet tagħhom tasal sabiex issib ħtija fl-appellat, kif qed jitlobha tagħmel l-appellant, stante li l-unika prova li hemm kontrih hija dik tal-*fingerprint*, dan l-istat ta' fatt ikkreat minn din il-Qorti ma jkun xejn inqas milli hi stess tkun qed tiċħad lill-appellat/imputat id-dritt fondamentali tiegħu għall-proċess u ġudizzju indipendenti u imparzjali, u dan bi ksur ta' l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem. Għalhekk dan l-uniku aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali għar-rigward l-appellat Melchior Spiteri qed jiġi respint;

Dwar l-ewwel aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali fil-konfront ta' l-appellat l-ieħor, <u>Nazzareno Zarb</u>, fis-sens li għalkemm l-Ewwel Qorti apparentement kienet illiberatu fuq apprezzament ta' fatti, il-Maġistrat sedenti li għamel dan l-apprezzament ta' fatti, kien għamel enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi, dan l-appellat, tramite l-avukat difensur tiegħu, fit-trattazzjoni orali ta' dan l-appell, waqt is-seduta tat-23 ta' Novembru, 1998, quddiem din il-Qorti, kien eċċepixxa l-inammissibilità tar-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali stante li l-Ewwel Qorti kienet iddeċidiet fuq apprezzament ta' fatti riżultanti mill-provi u fl-ebda ħin ma enunċjat l-ipotesi tal-liġi b'mod skorrett jew inkomplet;

Wieħed għalhekk għandu jara, in linea preliminari, qabel ma jara jekk id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti kinitx ibbażata fuq apprezzament ta' fatti, jekk effettivament fuq punt ta' dritt dik l-Ewwel Qorti kinitx enunċjat xi ħaġa b'mod skorrett u inkomplet. Hanwhekk, l-Avukat Ġenerali qed jgħid li l-Ewwel Qorti kienet inkompleta fl-ipotesi tal-liġi l-għaliex anke jekk ma kinitx sabet lil dan l-appellat ħati ta' l-unika akkuża dedotta kontrih, dik ta' serq aggravat, setgħet, minimament, issibu ħati tar-reat ta' riċettazzjoni, liema reat, skond l-appellant, huwa kompriż u involut fir-reat akbar ta' serq. L-appellant jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti kienet skorretta fl-enunċjazzjoni tagħha ta' l-ipotesi tal-liġi dwar il-prova magħmula permezz ta' xhud li jkun *kompliċi f'*reat, u ċjoè, *l-interpretazzjoni li l-Ewwel Qorti tat* għall-artikolu relattiv, l-artikolu 639 (3) tal-Kodiċi Kriminali;

Illi l-Qorti għalhekk trid tara l-ewwel jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza, meta ma sabitx lill-appellat Nazzareno Zarb ħati ta' l-akkuża ta' serq aggravat, setgħetx, alternattivament, issibu ħati tar-reat ta' riċettazzjoni bħala reat involut u assorbit f'dak tas-serq. L-Avukat Ġenerali qajjem dan il-punt għaliex fl-artikoli tal-Liġi li hu akkuża lil dan l-appellat bihom, huwa ma kienx akkużah ukoll bir-reat tar-riċettazzjoni. Kien akkużah biss *bir-reat ta' serq aggravat. Normalment dawn iż-żewġ akkużi* dejjem jingħataw flimkien, b'dik tar-riċettazzjoni tkun subordinata jew alternattiva għall-akkuża prinċipali ta' serq. L-Avukat Ġenerali jirritjeni li nonostante li l-akkuża tar-reat ta' riċettazzjoni ma kinitx ingħatat speċifikatament, l-Ewwel Qorti *setgħet issib lill-appellat ħati ta' dan ir-reat stante li hu reat ta'* kompetenza inferjuri għal dak ta' serq. Skond hu, dak li ma tistax tagħmel l-Ewwel Qorti, f'każijiet bħal dawn, hu li ma tistax issib ħtija f'xi reat ta' komptenza superjuri għal dak dedott kontra akkużat. Skond l-appellant, fi ftit kliem, dan ifisser li l-Ewwel Qorti, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tista' ssib imputat ħati ta' reat ieħor ta' kompetenza inferjuri minn dak addebitat lilu, għalkemm ma tkunx ingħatat akkuża *ad*

*hoc*, peress li dan ikun kompriż u involut fir-reat aktar gravi. Huwa a bażi ta' dan l-argument li l-Avukat Ġenerali qed jissotometti li l-Ewwel Qorti kellha tidħol fl-elementi tar-reat ta' riċettazzjoni u ssib lill-appellat ħati ta' hekk, u dan peress li dan ir-reat ta' kompetenza inferjuri għar-reat ta' serq, għalkemm huwa reat differenti għal kollox, għandu affinità intrinsika mar-reat ta' serq. Huwa f'dan is-sens, għalhekk, li l-appellant *Avukat Ġenerali qed jgħid li l-Ewwel Qorti ma* għamlitx enunċjazzjoni kompleta ta' l-ipotesi tal-liġi;

Jiġi rrilevat li bħala prinċipju msemmi mill-Avukat *Ġenerali*, din *il-Qorti taqbel li l-Ewwel Qorti*, *bħala Qorti ta'* Ġudikatura Kriminali, tista' ssib ħtija f'reat, għalkemm l-akkuża speċifika tiegħu ma tkunx ingħatat fl-Att ta' Akkuża, sakemm dak ir-reat ikun anqas mir-reat prinċipali u sakemm tassew dan it-tieni reat sekondarju effettivament ikun veru kompriż u involut fir-reat prinċipali. Bħal, per eżempju, meta l-akkuża mogħtija tkun dik ta' offiża gravi fuq il-persuna, iżda mill-provi, l-Ewwel Qorti, fil-kompetenza tagħha msemmija, issib li tirriżulta biss ferita ta' natura ħafifa. Hawn, dik il-Qorti *tista' tiddikjara li qed issib l-akkużat ħati ta' dan ir-reat ta'* offiża ta' ferita ħafifa stante li dan huwa kompriż u involut fir-reat superjuri ta' offiża ta' natura gravi. Sa hawnhekk, din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li ġie sottomess mill-appellant, limitatament, però, sakemm dan huwa l-esposizzjoni tal-prinċipju biss, u dan għaliex dan il-prinċipju ma japplikax dejjem b'mod kostanti u awtomatikament kull darba li jista' jkun hemm xi forma ta' affinità jew similarità bejn reati;

Din il-Qorti ma taqbilx, għalhekk, ma' l-estensjoni ta' dan il-prinċipju, kif magħmul mill-appellant, fejn estendih anke għar-reat ta' riċettazzjoni bħala kompriż u involut f'dak ta' serq. Kif sewwa ammetta l-appellant, ir-reat ta' serq huwa għal kollox differenti mir-reat ta' riċettazzjoni. Biżżejjed wieħed iħares lejn l-elementi kostituttivi ta' dawn iż-żewġ reati sabiex

jara mal-ewwel id-differenza bejniethom. Per eżempju, l-element intenzjonali fiż-żewġ reati huwa għal kollox differenti. F'każ ta' serq, l-oġġett li jinsteraq jista' jkollu oriġini jew provenjenza leġittima, bħalma ġeneralment ikollu, u l-ħalliel jieħu dak l-oġġett mingħand sidu, u mingħajr il-permess ta' sidu, bl-intenzjoni li jagħmel xi forma ta' gwadann għalih. Fir-riċettazzjoni, l-element intenzjonali jirrikjedi li r-riċettatur kien jaf, jew li miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kien messu raġonevolment kien jaf li l-oġġett li ser jakkwista ġej minn provenjenza kriminuża. Jiġifieri, anke fil-forma tal-*mens rea* rikjesta f'dawn iż-żewġ reati, ġà hemm differenza. Ix-xjenza tal-malvivent fiż-żewġ reati hija għal kollox differenti. Fir-riċettazzjoni, ix-xjenza meħtieġa fir-riċettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuża ġenerika, u ma tirreferix għad-dettalji speċifiċi tar-reat prinċipali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tiġi dedotta miċ-ċirkostanzi tal-każ. Barra minn hekk, kif dejjem ġie ritenut, meta normalment jingħataw dawn iż-żewġ akkużi fl-istess proċediment, dan isir sabiex akkużat ikun jista' jinstab ħati jew ta' wieħed jew ta' l-ieħor minnhom, f'każ li tinstab xi forma ta' ħtija. Ma jistax ikun li persuna tinstab ħatja ta' serq u fl-istess ħin ħatja ta' riċettazzjoni ta' l-istess oġġetti derubati. L-akkuża tar-reat ta' riċettazzjoni dejjem tingħata bħala akkuża alternattiva għall-akkuża ta' serq, u huwa meta l-akkuża ta' serq ma tiġix ippruvata, li, bħala mod alternattiv, wieħed imbagħad jara jekk hemmx l-elementi tat-tieni reat mogħti. L-akkuża prinċipali tkun dik ta' serq, u t-tieni akkuża tiġi kkunsidrata biss meta tiġi eskluża l-akkuża prinċipali, però dan ikun dejjem suġġett għall-fatt li effettivament tkun ingħatat din it-tieni akkuża għar-rigward ir-reat ta' riċettazzjoni, li dejjem hija waħda alternattiva. Antikament kien hemm ġurisprudenza lokali fis-sens li f'każijiet ta' serq, il-ġurati setgħu jsibu lill-akkużat ħati ta' riċettazzjoni bħala reat minuri dedott u involut fl-att ta' l-akkuża. Iżda din il-ġurisprudenza kienet inqalbet u ġie rrikonoxxut li r-riċettazzjoni hija reat awtonomu mis-serq u għalhekk daħlet l-użanza li jiġi inkluż kap

alternattiv ta' riċettazzjoni fl-att ta' l-akkuża. Dan hu għaliex ormai huwa paċifiku fil-ġurisprudenza nostrali li *ħalliel qatt ma jista' jkun riċettatur*, iżda, mill-banda l-oħra riċettatur jista', eċċezzjonalment, ikun kompliċi f'serq. Is-serq huwa reat istantanju u l-fatti suċċessivi mhux biss ma għandhomx rilevanza għan-nozzjoni ġuridika fis-serq, imma ma jistgħux, fil-konfront ta' l-awtur tas-serq, jikkostitwixu riċettazzjoni. Għalhekk, ġaladarba li min jikkonkorri fid-delitt prinċipali tas-serq ma jikkommettix sussegwentement riċettazzjoni taħt kwalsiasi forma fil-konfront ta' l-oġġett misruq, fil-każ ta' serq, il-ħalliel ma jistax ikun anke r-riċettatur, la bħala awtur materjali u lanqas bħala awtur morali kif huwa l-kompliċi. Fi ftit kliem, għalhekk, ir-reat ta' riċettazzjoni, bħala reat *distint* u għal kollox differenti mir-reat ta' serq, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala reat kompriż u involut fir-reat ta' serq, iżda biss bħala reat alternattiv għar-reat ta' serq, purchè *li l-akkuża relattiva tiġi* dedotta kontra l-akkużat;

Għalhekk dak li qed jissottometti l-appellant li l-Ewwel Qorti kien imissha sabet lill-appellat Zarb ħati tar-reat ta' riċettazzjoni bħala reat kompriż u involut fir-reat ta' serq, għalkemm din l-akkuża ta' reat minuri ma kinitx ingħatat *ad hoc*, ma jistax jiġi akkolt. Dan ifisser, għalhekk, li dik il-Qorti, kuntrarjament għal dak li qed jgħid l-appellant, ma kintix tat xi enunċjazzjoni inkompleta fl-ipotesi tal-liġi f'dan ir-rigward;

Dwar l-ilment l-ieħor ta' l-appellant li l-Ewwel Qorti enunċjat ħażin jew skorrettement l-ipotesi tal-liġi riferibbilment għall-materja tax-xhieda ta' kompliċi f'reat, u dan taħt l-artikolu 639 (3) tal-Kapitolu 9, din il-Qorti ma tara xejn żbaljat jew ħażin f'dak li qalet l-Ewwel Qorti mett qalet li x-xhieda ta' Rachel Grima ma tistax twassal għall-ħtija ta' l-appellati peress li, ġaladarba kien ġie ppruvat li hija kienet kompliċi fis-serqa addebitata lill-akkużati, allura dak li xehdet f'dawn l-atti ma setax jikkostitwixxi prova suffiċjenti kontrihom jekk din ma

kinitx ikkorroborata b'xi ċirkostanzi oħra suffiċjenti u indipendenti li jistabbilixxu mhux biss li kien ġie kommess ir-reat ta' serq, iżda li dan kien ġie kommess mill-akkużati. L-Ewwel Qorti hawnhekk għamlet l-apprezzament tagħha tal-fatti sabiex tara jekk ix-xhieda ta' din il-kompliċi Rachel Grima kinitx suffiċjentement ikkorroborata kif rikjest mill-artikolu 639 (3) tal-Kap. 9, u waslet għall-konklużjoni li x-xhieda ta' din Rachel Grima ma kienet sabet ebda konfort f'ċirkostanzi li jikkorroborawha. Din il-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti mhix xi enunċjazzjoni ta' punt ta' dritt, imma biss apprezzament ta' provi li a bażi tagħhom waslet għall-konklużjoni li x-xhieda ta' din il-kompliċi mhix suffiċjentement ikkorroborata minn ċirkostanzi indipendenti sabiex twassal għall-ħtija ta' l-akkużati. L-Ewwel Qorti enunċjat tajjeb il-prinċipju taħt l-artikolu 639 (3) tal-Kap. 9 u wara li għamlet hekk, għaddiet sabiex tara jekk il-fatti riżultanti setgħux jiġu applikati għal dik l-ipotesi kif korrettement enunċjata minnha. Għalhekk, anke hawnhekk, din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti ma għamlet l-ebda enunċjazzjoni skorretta jew żbaljata ta' l-ipotesi tal-liġi taħt l-imsemmi artikolu;

Issa li din il-Qorti stabbiliet li l-Ewwel Qorti kienet ippronunzjat ruħha tajjeb għal dak li jirrigwarda punti ta' dritt tgħaddi biex tara jekk dak li ddeċidiet dik il-Qorti kienx sempliċement fuq apprezzament ta' fatti, kif ġie eċċepiet minn naħa ta' l-appellat Nazzareno Zarb, jew le, kif qed jippretendi l-appellant Avukat Ġenerali;

Fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità miġjuba mill-appellat Nazzareno Zarb, illum huwa paċifiku fil-ġurisprudenza lokali illi taħt l-artikolu 413 (1) (b) (iv) (i) tal-Kodiċi Kriminali ma jistax isir appell mill-Avukat Ġenerali meta s-sentenza appellata tkun ibbażata fuq apprezzament ta' fatti. Dik id-disposizzjoni tippermetti l-appell, iżda, meta l-Ewwel Qorti tkun iddikjarat illi fil-fatt ma hemmx il-kostituttivi tar-reat, iżda l-kelma "fatt"

hawnhekk għandha tinftiehem bħala l-fatt "kif miġjub fl-akkuża, apparti l-provi", u mhux il-fatt kif jirriżulta mill-provi. Taħt l-istess disposizzjoni huwa permess appell lill-Avukat Ġenerali meta l-Ewwel Qorti, għad li tkun daħlet fil-provi u tagħmel l-apprezzament tagħha dwarhom, però meta tiġi sabiex *tapplika għalihom id-disposizzjoni tal-liġi, tinterpretaha ħażin*, għaliex f'tali każ ikun hemm ukoll kwistjoni ta' liġi. Fi ftit kliem, għalhekk, ma jkunx ammissibbli l-appell ta' l-Avukat Ġenerali meta jirriżulta li l-Ewwel Qorti tkun daħlet fil-fatti billi tisma' l-provi u meta mis-sentenza ma tirriżultax ebda enunċjazzjoni, tajba jew ħażina, kompleta jew inkompleta, tal-liġi;

Illi fil-każ odjern, l-appellant, kif ġà ntqal qabel, qed jappella in bażi għad-disposizzjoni li tippermetti l-appell fil-prosekuzzjoni meta l-Ewwel Qorti, minkejja li tkun daħlet fil-provi u għamlet l-apprezzament tagħhom, għamlet, però, enunċjazzjoni ħażina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi. Ġà ġie *stabbilit minn din il-Qorti aktar qabel li effettivament u* kuntrarjament għal dak li qed jisottometti l-Avukat Ġenerali, din il-Qorti ma sabet l-ebda enunċjazzjoni ħażina jew żbaljata ta' xi punt ta' dritt mill-Ewwel Qorti. Dan ifisser għalhekk li dan it-tieni rekwiżit essenzjali sabiex l-Avukat Ġenerali jingħata dritt ta' appell, meta l-Ewwel Qorti tkun illiberat in bażi ta' apprezzament ta' fatti, huwa għal kollox mankanti;

Fil-każ preżenti, huwa ċar li l-Ewwel Qorti, wara li enunċjat il-punti ta' dritt, għaddiet sabiex teżamina l-fatti sabiex tara jekk dawk il-fatti, kif ippruvati, japplikawx għal-liġi kif enunċjata minnha korrettement. L-enunċjazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti fuq punti ta' dritt hija sempliċement dikjarazzjoni ta' l-istat *tal-liġi f'dan il-każ. Kif ġie kemm-il darba deċiż, u dan bir-raġun* kollu, is-sempliċi applikazzjoni tal-liġi għall-fatt ma tammontax għal xi punt ta' dritt. Kieku kellu jkun divers minn hekk, tinħoloq sitwazzjoni fejn kull sentenza tkun appellabbli għaliex f'kull

sentenza bilfors issir applikazzjoni tal-liġi. Kif ġà kellha okkażjoni li tiddeċidi riċentement din l-istess Qorti, kif ippresjeduta, fl-Appell Kriminali, 270/1998, fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Nicholas Cutajar**, deċiż fil-11 ta' Diċembru, 1998, din l-interpretazzjoni tad-disposizzjoni tal-liġi, loġika u aċċettabbli, ma għandhiex tiġi żnaturata b'mod illi malli f'sentenza tissemma l-liġi, allura jitqies li hemm lok għall-appell fuq punt ta' dritt, iżda għandha dejjem tinżamm fil-limiti ġusti tagħha, ċjoè fejn, in referenza għar-reat addebitat, l-Ewwel Qorti tkun esponiet ħażin jew b'mod skorrett jew inkomplet il-liġi li tirrigwarda dak ir-reat, u tkun applikat b'mod skorrett jew inkomplet il-liġi li tirrigwarda dak ir-reat, u tkun applikat għall-fatti dik il-liġi minnha skorrettement jew inkompletament enunċjata, ħaġa din li, fi kwalunkwe każ, ma tirrikorrix affattu fil-proċediment odjern. Anzi, f'dan il-każ, kif ġà qalet din il-Qorti, l-Ewwel Qorti enunċjat tajjeb il-liġi. La darba din l-ipotesi kienet sewwa, għalhekk l-applikazzjoni tagħha għall-fatti partikolari tal-każ hi biss kwistjoni ta' valutazzjoni tal-provi, ċjoè apprezzament ta' fatti, li ċertament hija ħaġa li mhix sindakabbli minn din il-Qorti. F'dan il-każ, l-Ewwel Qorti daħlet fil-provi, kif ammetta l-istess appellant, u l-enunċjazzjoni tal-liġi minnha magħmula hija korretta, kif stabbiliet din il-Qorti. Għalhekk, ma hemmx lok għal indaġini oħra minn din il-Qorti, għaliex diversament ikun qed jiġi ammess appell f'każ ċar fejn mhux ammess mil-liġi, u din il-Qorti tkun qed tissindika apprezzament tal-Qorti fuq il-fatti kif jirriżultaw mill-provi, ħaġa li mhix ammessa;

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, għalhekk, din il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni ssollevata mill-appellat Nazzareno Zarb, u kwindi qiegħda tiddikjara bħala null l-appell ta' l-Avukat Ġenerali fil-konfront ta' l-istess appellat Nazzareno Zarb, u, fi kwalunkwe każ, qiegħda tiċħdu fil-bqija tiegħu fil-konfront ta' l-appellat Melchior Spiteri, filwaqt li qed tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

---